MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 1861/2005

**Matthew Benjamin Sammut**
**vs**
**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali Balzan**

Numru
Talba Numru 1861/2005

It-Tribunal

Ra l-Avviz prezentat fid-9 ta' Frar 2005 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00) rapprezentanti ammont li huwa gie erronjament ikkundannat ihallas mill-Kummissarju tal-Gustizzja fis-seduta tat-Tribunal tat-8 ta' Marzu 2005 bhala multa tal-kontravenzjoni numru 014-0012824-6.

It-talba tal-attrici hija bbazata fuq il-fatt li dakinhar tas-seduta l-attur, flimkien ma' missieru Joseph Sammut u l-Avv. Paul Farrugia, effettivament deher sabiex jikkontesta l-kontravenzjoni izda gie mgharraf mir-rapprezentant tal-Kunsill li dina giet irtirata. Sussegwentement gie mgharraf li gie ikkundannat ihallas multa ta' hamsin lira Maltija (Lm50).

Fil-fatt kien hemm kawza ohra ta' missieru Joseph Sammut li giet deciza fl-istess seduta, bil-mertu identiku ghal dak tal-akkuza li ghaliha gie kkundannat l-attur.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha ecceppew li:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez.
2. Illi preliminarjament skond il-ligi decizjoni tat-Tribunal Lokali tista' biss tigi kontestata permezz ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta).
3. Illi fil-fatt l-attur kien diga' ressaq appell quddiem dik l-Onorabbli Qorti kontra d-decizjoni moghtija mit-Tribunal fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2005, b'dana li l-appell tieghu gie michud.
4. Illi f'dik is-seduta tat-Tribunal, l-attur kien gie multat hamsin liri Maltin (Lm 50.00) meta dan, minkejja li gie msejah tlett darbiet skond il-ligi, naqas li jattendi ghas-seduta f'liema seduta gew ukoll segwiti dawk il-proceduri ohra rikjesta mill-ligi.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

Ra x-xhieda ta' l-Avv Dr Paul Farrugia, Joseph Sammut u ta' Raphael Carabott.

Ikkunsidra

Din hija kawza li permezz taghha l-attur qed jitlob hlas tas-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00) li huwa gie ikkundannat ihallas permezz ta' sentenza tat-Tribunal

Lokali ta’ Birkirkara liema sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Magistrati wara appell ta’ l-attur odjern.

L-attur ihoss li l-kundanna fil-konfront tieghu hija erronea u appella minnha pero giet konfermata mill-Qorti tal-Magistrati. L-attur ma kienx sodisfatt u proceda quddiem dan it-Tribunal biex il-Kunsill ihallsu l-hamsin lira Maltija (Lm50.00) li huwa gie kkundannat ihallas. (Mill-atti ma jirrizultax jekk l-ammont ta’ Lm50.00 fil-fatt thallas mill-attur jew le.)

Fir-realta, u tenut kont ta’ dan il-kwadru ta’ fatti, l-azzjoni odjerna hija tentattiv iehor biex l-attur jigi liberat mill-effetti tas-sentenza mghotija mit-Tribunal Lokali.

Jekk dan it-Tribunal kellu jidhol fil-meritu tal-kwistjoni, u cioe jekk it-Tribunal Lokali kien gustifikat o meno fil-kundanna tieghu ta’ l-attur, fir-realta dan it-Tribunal ikun qed jassumi poteri li m’ghandux u li jmorru ferm oltre dak stabbilit fil-Kap 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Naturalment wiehed ma jistax jinjora l-fatt ukoll li l-Ligi tipprovdi ghall-appell minn decizjoni tat-Tribunal Lokali quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Hija din il-Qorti biss li ghandha l-poteri li tissindika u jekk ikun il-kaz tirrevoka u / jew tvarja decizjonijiet tat-Tribunal Lokali.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jichad it-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------